# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/2309

**tas-16 ta' Diċembru 2016**

**li tadatta għar-raba' darba l-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi skont il-progress xjentifiku u tekniku**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) It-Taqsima I.1 tal-Anness I, it-Taqsima II.1 tal-Anness II u t-Taqsima III.1 tal-Anness III tad-Direttiva 2008/68/KE jirreferu għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet internazzjonali dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi bit-triq, bil-ferrovija u fuq passaġġi tal-ilma interni kif definit fl-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet internazzjonali jiġu aġġornati kull sentejn. Konsegwentement, il-verżjonijiet li ġew emendati l-aħħar ta' dawn il-ftehimiet għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2017, b'perjodu ta' tranżizzjoni sat-30 ta' Ġunju 2017.

(3) Għalhekk, it-Taqsima I.1 tal-Anness I, it-Taqsima II.1 tal-Anness II u t-Taqsima III.1 tal-Anness III tad-Direttiva 2008/68/KE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2008/68/KE**

Id-Direttiva 2008/68/KE hija emendata kif ġej:

1. Fl-Anness I, it-Taqsima I.1 tinbidel b'dan li ġej:

   "I.1. ADR

   Fl-Annessi A u B tal-ADR, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2017, huwa mifhum illi l-frażi 'parti kontraenti' hija sostitwita bil-frażi 'Stat Membru' kif xieraq.";

2. Fl-Anness II, it-Taqsima II.1 tinbidel b'dan li ġej:

   "II.1. RID

   Fl-Anness tal-RID, li jidher fl-Appendiċi C tal-COTIF, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2017, huwa mifhum illi l-frażi 'Stat Kontraenti tal-RID' hija sostitwita bil-frażi 'Stat Membru' kif xieraq.";

([1]) ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13.

3. Fl-Anness III, it-Taqsima III.1 tinbidel b'dan li ġej:

"III.1. ADN

Fir-Regolamenti annessi tal-ADN, kif applikabbli b'effett mill-1 ta' Jannar 2017, kif ukoll l-Artikoli 3(f), 3(h), 8(1), 8(3) tal-ADN, huwa mifhum illi l-frażi 'parti kontraenti' hija sostitwita bil-frażi 'Stat Membru', kif xieraq.".

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2017. Minnufih għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER